**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 t' April, 2002

**Numru 28**

**Avviz. numru 758/01JR**

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Marie Louise Micallef u l-istess Mary Louise Micallef**

**vs**

**Clifford Brooks**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ippresentat mill-atturi fis-17 t'Awissu 2001 fejn talbu lill-konvenut jghid l-ghaliex dan it-Tribunal m'ghandhux jikkundannah li jhallas lill-atturi danni komplessivi fl-ammont ta' hames mija erbgha u disghin lira Maltija disgha u tmenin centezmu (Lm594.89), in kwantu ghall-hames mija u erbgha liri Maltin erbgha u sittin centezmu (Lm504.64) lil Atlas Insurance**

**Agency Limited noe, u disghin lira Maltija hamsa u ghoxrin centezmu (Lm90.25) lil Marie Louise Micallef, rizultanti minn incident awtomobilistiku li gara l-Qawra fl-14 ta' Jannar 2001 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru TFD-361 habat mal-vettura Nru MAR-656 propjeta' ta' l-attrici Marie Louise Micallef li kienet ipparkjata – ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.**

**Oltre l-imsemmija danni, l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra interpellatorja ta' l-4 ta' Gunju 2001, dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Lulju 2001 u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imghax legali b'effett mis-6 ta' Lulju 2001.**

**Ra r-risposta ppresentata mill-konvenut fil-11 ta' Settembru 2001 fejn eccepixxa:**

**Illi t-talbiet attrici kif dedotti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjent, izda b'tort ta' Spiridione Giordmaina, is-sewwieq tal-vettura numru HAA-052 minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess sewwieq, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk ghandu jigi kjamat fil-kawza.**

**Illi ghalhekk l-eccipjenti m'ghandux ihallas ebda danni, u fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati huma esagerati.**

**Salvi eccezzjonijet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Steve Conti, PS 614 Saviour Garzia, Marie Louise Micallef, Joseph Micallef, Spiridione Giordmaina u Catherine Giordmaina. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni bejn il-vettura TFD-361 misjuqa mill-konvenut u l-vettura MAR-656 ta' l-attrici li kienet parkeggjata. L-incident gara fl-14 ta' Jannar, 2001, ghall-habta tat-8.20pm, cioe` meta kien dalam.**
2. **Mill-provi mismugha jirrizulta li l-attrici kienet parkeggjata fi Triq Barnaba, Qawra, meta l-konvenut irriversja ghall-gol vettura taghha, mexa il-quddiem u rega dahal go fiha. Jirrizulta li qabel dan l-incident il-konvenut kien habat ma vettura ohra numru ta' registrazzjoni HAA0052 ta' Spiridione Giordmaina, u kien hekk kif Giordmaina mar biex ikellmu li l-konvenut harab minn fuq il-post, u bil-ghaggla fil-process li jaghmel hekk habat mal-vettura ta' l-attrici. Dana huwa**

**konfermat ampjament mir-Road accident Report Dok.B esebit, u mix-xhieda ta' l-istess Surgent li irrediga r-rapport.**

3. **Ma hemmx dubbju li ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, u wara li semgha x-xhieda t-Tribunal innota li ma kienx hemm lok li jigi kjamat in kawza is-sewwieq tal-vettura HAA-052.**

4. **Bhala rizultat tal-kollizzjoni l-attrici kellha danni fil-bibien tal-lemin, fil-"hinges" u pilastru. It-Tribunal innota li l-vettura ta' l-attrici kienet relattivament gdida.**

5. **Id-danni rizultanti mill-kollizzjoni huma dawk li jirrizulta mid-dokumenti esebiti, cioe:**

   i. **Tlett liri Maltin (Lm3.00) ghall-Okkorrenza;**
   ii. **Erbghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm40.25) ghall-kiri ta' vettura (Dok.C u J)**
   iii. **Mitejn wiehed u tmenin lira Maltija hamsa u sebghin centezmu (Lm281.75) ghall-spray, labour u rust proofing (Dok.D u E);**
   iv. **Mija hamsa u tmenin lira Maltija erbgha u hamsin centezmu (Lm185.54) ghall-parts;**

**v. Sebgha u sebghin lira Maltija erbgha u tmenin centezmu (Lm77.84) ghall-parts;**

**vi. Ghaxar liri (Lm10.00) ghall-Survey fees.**

**Li b'kollox igibu total ta' hames mija tmienja u disghin lira Maltija tmienjua u tletin centezmu (Lm598.38). L-ammont mitlub pero` huwa ta' hames mija erbgha u disghin lira Maltija disgha u tmenin centezmu (Lm594.89), u t-Tribunal qed jilqa' t-talba f'dan l-ammont. Jirrizulta li is-socjeta` assikurattrici hallset kollox minbarra il-kiri tal-vettura li flimkien ma hamsin lira excess thallsu mill-attrici Marie Louise Micallef.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u erbgha liri Maltin erbgha u sittin (Lm504.64), u lill-attrici Marie Louise Micallef is-somma ta' disghin lira Maltija hamsa u ghoxrin centezmu (Lm90.25) bl-imghax legali b'effett mis-6 ta' Lulju 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-4 ta' Gunju 2001, ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Lulju 2001 u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-**

**konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**

**Gudikatur**